

- Tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha, inkluż dawk imġarba mir-rikorrenti, anki jekk, wara l-preżentata ta' dan ir-rikors, il-Kummissjoni tiegħu l-miżuri li jirrendu dan ir-rikors mingħajr skop, fil-fehma tal-Qorti Ġenerali, jew jekk il-Qorti Ġenerali tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv uniku li jallega li l-Kummissjoni kisret l-obbligi tagħha taħt it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Hija tallega b'mod partikolari l-ksur tal-Artikolu 265 TFUE, kif ukoll tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament 2015/1589 <sup>(1)</sup>, tal-obbligu ta' diliġenza u ta' eżami imparzjali, tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tal-prinċipju ta' adozzjoni ta' deċiżjonijiet f'terminu raġonevoli, inkwantu l-Kummissjoni ma adottat ebda deċiżjoni skont l-Artikolu 4(2), (3) jew (4) tar-Regolament 2015/1589 iktar minn tliet snin u sitt xhur wara li r-rikorrenti ppreżentat l-ilment dwar l-għajnuna mill-Istat SA.50952(2018FC). Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kellha tagħti deċiżjoni f'terminu ta' tnax-il xahar, konformement mal-Kodiċi tal-Aħjar Prattika għat-tmexxija tal-proċeduri ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat <sup>(2)</sup> jew tal-inqas f'terminu raġonevoli.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU 2015, L 248, p. 9).

<sup>(2)</sup> Kodiċi tal-Aħjar Prattika għat-tmexxija tal-proċeduri ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat (ĠU 2009, C 136, p. 13).

## Rikors ippreżentat fil-31 ta' Ottubru 2021 – Peace United vs EUIPO – 1906 Collins (MY BOYFRIEND IS OUT OF TOWN)

(Kawża T-699/21)

(2022/C 37/53)

Lingwa tar-rikors: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: Peace United Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: M. Artzimovitch, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: 1906 Collins LLC (Miami, Florida, l-Istati Uniti)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "MY BOYFRIEND IS OUT OF TOWN" – Trade mark tal-Unjoni Nru 11 352 804

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' kanċellazzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' Lulju 2021 fil-Każ R 276/2020-2

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn, wara żbalji differenti ta' evalwazzjoni ta' fatt u ta' liġi u wara ksur tal-obbligu ta' amministrazzjoni tajba, il-Bord tal-Appell qies li ma sarx użu ġenwin tat-trade mark tal-Unjoni MY BOYFRIEND IS OUT OF TOWN Nru 11 352 804 matul il-perijodu kontenzjuż għas-servizzi msemmija fil-klassijiet 41 u 43;

- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 63(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sa fejn il-Bord tal-Appell wettaq żball ta' evalwazzjoni fuq in-natura inġusta tal-azzjoni għal revoka;
- Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sa fejn il-Bord tal-Appell wettaq żball ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-użu ġenwin tat-trade mark.

---

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' Novembru 2021 – Balaban vs EUIPO (Stahlwerk)****(Kawża T-705/21)**

(2022/C 37/54)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet***Rikorrent:* Okan Balaban (Bornheim, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Schaaf, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "Stahlwerk" – Applikazzjoni Nru 18 235 592*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta' Settembru 2021 fil-Każ R 77/2021-1**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-konvenut tat-18 ta' Novembru 2020 li tiċħad l-applikazzjoni bin-numru 18 235 592 kif ukoll id-deċiżjoni kkontestata sa fejn tiċħad parzjalment l-applikazzjoni, u tordna lill-konvenut jirreġistra t-trade mark għall-prodotti u għas-servizzi kollha indikati fl-applikazzjoni;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' Novembru 2021 – Balaban vs EUIPO (Stahlwerkstatt)****(Kawża T-706/21)**

(2022/C 37/55)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet***Rikorrent:* Okan Balaban (Bornheim, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Schaaf, avukat)